

- Klassi 24: “Tessuti; Purtieri; Għatiet tal-għamara; Affarijiet tat-tessut għal użu domestiku; Affarijiet tat-tessut għal użu domestiku magħmula minn materjali mhux minsuġ; Bjankerija; Oġġetti li jiddendlu mal-ħajt; Arredamenti dekorattivi; Affarijiet tat-tessut magħmula minn materjali mhux minsuġ; Inforri magħmula minn tessuti mhux minsuġa; Inforri tal-kpiepel, Inforri [tessut]; Imkatar tat-tessut; Imkatar tat-tessut; Affarijiet tat-tessut, mhux inklużi fi klassijiet oħra; Imkatar; Tessuti magħmula minn xoqqa; Tessuti tal-flanella; Tessuti dekorattivi; Svieret tal-ħasil; Srievet [tessut] għall-użu fil-kċina; Tessuti, mhux inklużi fi klassijiet oħra; tessuti ta’ bejn uċuħ tla-ħjata; Suf magħmul mill-polipropilin; Suf magħmul mill-polijester; Inforri għall-ħwejjeġ; Foulard [tessut]; Tessut tal-qoton bil-biċċa; Tessut sintetiku bil-biċċa; Tessut bil-biċċa; Kanvas; Materjali għal arredamenti dekorattivi; Materjali użati fil-produzzjoni tal-ħwejjeġ; Materjali għall-ilbiesi [tessut]; Tessuti għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ; Tessuti għall-produzzjoni ta’ affarijiet tat-tessut għal użu domestiku; Tessut għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ tal-isport; Tessuti għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ; Tessuti għall-produzzjoni ta’ portafolli; Tessut li jimita l-ġilda tal-annimali; Tessuti għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ tan-nisa; Tessut tal-jeans; Tessuti għall-produzzjoni ta’ tagħmir ortopediku; Tessut li ma jixxarabx għall-produzzjoni ta’ qliezet; Tessut li ma jixxarabx għall-produzzjoni ta’ ġġieget; Tessut li ma jixxarabx għall-produzzjoni ta’ kpiepel; Tessut li ma jixxarabx għall-produzzjoni ta’ ingwanti; Tessuti li jintużaw bħala inforra fil-ħwejjeġ; Tessuti tal-ħwejjeġ; Tessuti miksija għall-produzzjoni ta’ oġġetti tal-ġilda; Tessuti miksija għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ tax-xita; Tessuti li jimitaw l-ġilda tal-annimali; Tessuti li ma jixxarabx iżda li tgħaddi l-umdità minnhom; Tessut għall-produzzjoni tax-xugamani”.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-29 ta’ Jannar 2019 – Laboratories Ern vs EUIPO – SBS Bilimsel Bio Çözümle Sanayi Ve Ticaret (apiheal)

(Kawża T-51/19)

(2019/C 103/73)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Laboratories Ern, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: S. Correa Rodríguez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: SBS Bilimsel Bio Çözümle Sanayi Ve Ticaret AŞ (Istanbul, it-Turkija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea “apiheal” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 411 557

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta’ Novembru 2018 fil-Każ R 1725/2017-4

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonċerna l-għoti parzjali tal-applikazzjoni għall-prodotti li ġejjin “prodotti tal-fwieħa; kożmetiċi; fwejjaħ; deodoranti (għall-użu personali jew għall-annimali); sapun; ħwawar għall-banju (mhux għall-użu mediku); prodotti għall-kura tas-snien, toothpaste, preparazzjonijiet li jbjadu s-snien, likwidu għall-ħasil tas-snien, li ma humiex għal skopijiet mediċi fil-klassi 3 u “prodotti għat-tneħħija ta’ annimali ta’ ħsara; fungicidi, erbiċidi” fil-klassi 5.
- tiċħad l-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 14 411 557 apiheal fir-rigward tal-imsmemija “prodotti tal-fwieħa; kożmetiċi; fwejjaħ; deodoranti (għall-użu personali jew għall-annimali); sapun; ħwawar għall-banju (mhux għall-użu mediku); prodotti għall-kura tas-snien, toothpaste, preparazzjonijiet li jbjadu s-snien, likwidu għall-ħasil tas-snien, li ma humiex għal skopijiet mediċi fl-klassi 3 u “prodotti għat-tneħħija ta’ annimali ta’ ħsara; fungicidi, erbiċidi” fil-klassi 5.
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, u jekk ikun il-każ l-intervenjenti.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 207/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-31 ta’ Jannar 2019 – SBS Bilimsel Bio Çözümler Sanayi Ve Ticaret vs EUIPO – Laboratorios Ern (apiheal)

(Kawża T-53/19)

(2019/C 103/74)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorreni: SBS Bilimsel Bio Çözümler Sanayi Ve Ticaret AŞ (Istanbul, it-Turkija) (rappreżentant: M. López Camba, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Laboratorios Ern, SA (Barcelona, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorreni quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni “apiheal” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 411 557

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta’ Novembru 2018 fil-Każ R 1725/2017-4